MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 295/2010

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu fil-Knisja ta’ Burmarrad fil-21 ta’ Mejju 2005, kif jirrizulta mic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dokument ‘A’;

Illi huwa beda jiltaqa maghha mindu kellha biss tlettax-il sena filwaqt li hu kellu tlieta u erbghin sena;

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal;

Illi l-kunsens tar-ragel inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, u ta’ elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg imsemmi kien vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu li, kif ukoll kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghamlitha impossibbli ghall-istess partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu fil-ligi;

Illi l-esponenti taf personalment bil-fatti kollha dikjarati u debitament enumerati;

Talbet ghar-ragunijiet hawn permessi li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti iccelebrat fil-21 ta’ Mejju 2005, kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini ta’ l-Artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta b’mod generali, u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt insubizzjoni tieghu;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

Illi l-partijiet izzewgu fil-knisja ta' Burmarrad fil-21 ta' Mejju 2005, kif jirrizulta mic-certifikat esebit;

Illi huwa veru li r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet bdiet meta A  kellha madwar hmistax il-sena u huwa kellu madwar erbghin sena;

Illi minn dan iz-zwieg huma kellhom zewg ulied;

Illi huwa jichad kattegorikament li l-kunsens tieghu kien nkiseb bl-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg nnifsu; infatti il-hajja matrimonjali taghhom kienet felici sakemm omm l-attrici – A  – kienet qed tissepara minn ma zewgha, u bdiet tqatta hafna dar tal-konjugi B.  Flimkien ma ommha gieli kien ikun hemm wkoll hu A .

Illi l-problemi bejn il-konjugi B bdew frott it-tixwiex ta' l-istess omm – A  – li waqt li din kienet qed tghix mal-konjugi B (gratis, bla ma thallas jew tikkontribwixxi xejn), u din kienet kontinwament tipprovoka u tinsulta lill-istess C B god-dar tieghu.

Illi darba wahda, waqt li C kien ix-xoghol, huwa kien rcieva telefonata fejn martu nfurmatu li kienet sejra tghix ghal xi jiem ghand ommha, u dan

wara li l-istess C kien talab lill-martu sabiex titlob lil ommha u lil huwa sabiex ma jibqghux jghixu fid-dar matrimonjali taghhom.

Ghaldaqstant, kemm ghar-ragunijiet hawn premessi kif ukoll kif ha jirrizulta waqt it-trattazzjoni, dan iz-zwieg ma ghandux jigi dikjarat null u dan stante li kien l-agir immatur tal-attrici li wassal ghal dan.

Bl-ispejjez;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat:

Illi l-qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn il-partijiet datat il-21 ta' Mejju 2005[1] jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(d) u 19(1) (f) tal-Kap. 255. Min-naha tieghu, l-intimat jsostni li dan iz-zwieg m'ghandux jigi dikjarat null, izda fl-istess hin jghid li kien l-agir immatur tal-attrici li wassal ghal dan. Irid jinghad pero' li fil-mori tal-

[1] Ara c-certifikat taz-zwieg esebit a fol 3 tal-process

proceduri, precizament fis-seduta ta' nhar il-25 ta' Settembru 2013[2], l-intimat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni ghall-annullament.

**Il-verzjoni tal-attrici**

Permezz tal-affidavit taghha[3], l-attrici tghid li ltaqghet mal-intimat meta kellha biss tlettax (13) –il sena filwaqt li hu kellu fuq l-erbghin (40) sena. L-intimat kien habib ta' missierha. Tghid li beda jidhol fin fin b'dan li kien jistieden lilha u lil habiba taghha l-appartament tieghu. Beda bil-bews u mbaghad beda jmissha minn fuq il-hwejjeg. Sa' dak iz-zmien kienet taf li kellu 'l fuq minn tletin sena pero' ma kienitx taf l-eta' tieghu proprja. Darba huha z-zghir kien qabadhom jitbewsu fil-van tal-intimat u dan tal-ahhar ta Lm5 lil dan huha biex ma jghid xejn. Tghid li l-ewwel relazzjoni sesswali li kellha mal-intimat kienet meta kellha hmistax (15) –il sena. Kienet thossha protetta mieghu. Kien meta l-attrici kellha tmintax (18) – il sena li ommha skopriet ma' min kienet qed tohrog u nqala' inkwiet kbir minhabba d-differenza fl-eta' ta' bejniethom. Tghid li ma kienitx matura – kienet tifla tal-iskola, b'dan li l-intimat kien dejjem jigri warajha.

Huha Paul kien ta xebgha lill-intimat ghaliex ma riedhomx flimkien u dak iz-zmien irragunat li l-intimat verament kien ihobbha. Wara ftit rat lil C jidhak u ghalkemm ratha stramba, fi ftit xhur qabdu u zzewgu minghajr ma kellhom diskussjonijiet fuq zwieg jew xi preparazzjoni. Tghid li kienet tixtieq titilqu pero' l-intimat kien jghidilha li kien joqtol lilu nnifsu kieku titilqu. Kienet temmnu u ghalhekk baqghet mieghu.

Tghid li meta zzewget kellha biss ghoxrin (20) sena filwaqt li l-intimat kellu kwazi hamsin (50). L-ghada taz-zwieg, mar id-dar mgerfex u bil-lipstick li ma kienx taghha. Tghid li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied, b'dan li wara li twieled it-tieni wild ma kellhomx relazzjonijiet intimi aktar.

---

[2] Ara a fol 38 tal-process
[3] Esebit a fol 27 tal-process

Tghid li l-problemi ta’ bejniethom kienu hemm qabel iz-zwieg. Kellu l-problema tax-xorb, aggressivita’ u loghob. Issemmi episodji ta’ vjolenza kemm fuqha kif ukoll fuq it-tfal. Tiddiskrivih bhala ragel li kien jittrattaha bhala t-tifla tieghu u mhux martu. Ma kienx jirrispettaha u kien dominanti f’kollox. Tghid li zzewwigha minhabba l-flus u mhux ghax ihobbha. Taghlaq billi tghid li z-zwieg taghhom ma kienx zwieg ghaliex qatt ma habbha. Telqitu ghaliex ma felhitx aktar ghall-abbuz tieghu u ma telqitux qabel ghaliex ftakret fil-kliem li qalulhom ta’ Kana u cioe’ biex jissaportu u jiehdu pacenzja b’xulxin.

In kontro-ezami[4], l-attrici tikkonferma li qabel iz-zwieg hi wkoll kellha problema ta’ alcohol, b’dan li matul iz-zwieg din il-problema kienet spiccat. Tiddikjara li zzewgitu ghaliex thassritu. Tichad li l-inkwiet fiz-zwieg kien minhabba ommha. Tikkonferma li m’ghamlitx rapporti mal-Pulizija. Tghid li qabel iz-zwieg kien wieghdha li ser ikun mod billi jkun ragel sew u jaghtiha l-paga, izda fiz-zwieg kien mod iehor. Tghid li skopriet li kellu l-vizzju tal-loghob wara z-zwieg.

**<u>Il-Verzjoni tal-intimat</u>**

Permezz tal-affidavit tieghu[5], l-intimat jghid li ltaqa’ mal-attrici meta kellha tlettax (13) –il sena filwaqt li hu kellu tmienja u tletin (38) sena. Jghid li kien sar habib tal-attrici u l-habiba taghha b’dan li kienu jmorru ghandu, izda jichad li qatt tahom xi xorb alkoholiku. Jghid ukoll li meta kien jiehu lil xi hadd id-dar, ommu dejjem kienet tkun prezenti. Jikkonferma li r-relazzjonijiet intimi bejnu u bejn l-attrici bdew meta kellha madwar sittax (16) –il sena. Jghid li kienet mignuna fuqu u kien jibza’ li jekk jitlaqha taghmel xi wahda minn taghha. Jikkonferma li huha kien tah xebgha u kien kisirlu mniehru imma kien ghazel li jwaqqa’ l-proceduri fil-konfront tieghu minhabba r-rispett li kellu lejn l-attrici li dak iz-zmien kienet il-mahbuba tieghu.

---

[4] Ara s-seduta tal-21 ta’ Novembru 2014 a fol 55 tal-process
[5] Esebit a fol 35 tal-process

Jghid li l-attrici riedet li jizzewgu meta kellha madwar sittax (16) –il sena ghaliex riedet titlaq mid-dar peress li l-genituri taghha kienu qed jisseparaw. Iddecidew li jizzewgu u bdew imorru ta' Kana, b'dan li ommha u kullhadd kien jaf. Jichad l-allegazzjoni li wara t-tieg ma kienx hdejn martu jew li kellu xi lipstick ta' mara ohra ghaliex jghid li la issa kienet martu, ma kienx ser jafdaha wahedha.

Jikkonferma wkoll li wara t-tieni wild ma baqghux ikunu intimi flimkien izda jghid li qatt ma gieghla taghmel xejn. Jghid li ommha, li dak iz-zmien kienet separata, kienet tmur ghandhom kwazi kulljum u ma kienx ikollhom hin biex jitkellmu jew biex ikunu intimi flimkien. Kienet torqod fis-sodda ma' bintha filwaqt li hu kien jorqod mal-art jew fuq is-sufan. Jichad li qatt kien vjolenti maghha izda jghid li l-glied u l-argumenti kienu jkunu minhabba l-indhil ta' ommha u t-tixwix kontra tieghu. Jichad li qatt mar id-dar fis-sakra jew li kien vjolenti maghha, anzi jghid li dawn kienu problemi ta' missierha u mhux tieghu.

Jghid li zzewweg lill-attrici ghax kien ihobbha u kien jahseb li hi thobbu wkoll. Dejjem hadem u qatt ma halliha nieqsa minn xejn. Jichad li zzewwigha ghall-flus ghaliex dejjem hadem u kollox hu kien ihallas. Pero' jghid li peress li ommha kienet prattikament qed tiekol ghandhom kuljum u kienu jmorru wliedha wkoll hemm, kien qisu spicca li zzewweg zewg nisa u ghalhekk hass li omm l-attrici ghandha tikkontribwixxi ghall-ispejjez.

Jaghlaq billi jghid li l-attrici telqet mid-dar bil-habi u marret ghand ommha ghaliex kellha relazzjoni ma' ragel iehor.

**<u>Il-Mertu tal-Kaz odjern</u>**

Il-Qorti taghmel referenza ghall-affidavit ta' omm l-attrici, Maria Agius[6] fejn tikkonferma li ma kienitx taf bir-relazzjoni ta' bintha sakemm kellha tmintax (18) –il sena. Tiddikjara li li kieku kienet taf qabel b'din ir-relazzjoni, kienet tmur ghand il-Pulizija. Tghid li meta skopriet b'din ir-relazzjoni, inqala' inkwiet kbir ghaliex l-intimat kien anke akbar minnha! Tghid li l-familja kollha ghamlu minn kollox biex jippruvaw itemmu din ir-relazzjoni, izda l-attrici kienet tfahhru dak iz-zmien u komplew bir-relazzjoni taghhom.

Tghid li meta zzewgu, bintha kienet ghadha tifla filwaqt li l-intimat kien ragel adult. Tghid ukoll li ma kienx jirrispettaha u li kellu hafna vizzji, izda meta kien jghidilha kontra bintha stess ma kienitx tmur tghidilha, gialadarba issa kienu mizzewgin. Issemmi episodju fejn kienu Ghawdex flimkien u bintha, li dak iz-zmien kienet tqila, riedet gelat. Ma kellux aptit jixtrilha gelat izda xtrah xorta u minflok, waddabulha ma' wiccha. Tghid li kienet qed tmut minn gewwa meta rat din ix-xena.

Tiddiskrivi lill-intimat bhala ragel rghib b'dan li mhux l-ewwel darba li x-xhud stess kienet tixtrilhom l-ikel. Tghid li zzewweg lil bintha ghall-flus u xejn aktar. Ma kienx juri rispett lejn bintha.

F'dan l-istadju l-qorti ser tghaddi sabiex tiddiskuti t-talbiet attrici abbazi tal-artikoli li fuqhom qieghda tibbaza l-kawza taghha l-istess attrici.

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba anomalija psikologika serja li taghmel il-partijiet inkapaci milli jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, il-qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[7] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat

[6] Esebit a fol 30 tal-process
[7] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***"**.**

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph**[8] "***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***".

In vista tal-gurisprudenza citata aktar 'il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, il-qorti tirrileva li l-attrici bdiet tohrog mal-intimat ta' eta' tenera zghira hafna, filwaqt li l-intimat kien diga' ragel adult, ta' eta' akbar minn ommha. Mill-assjem tal-provi, jirrizulta bl-aktar mod car li bejn il-partijiet kien hemm xi forma ta' attrazzjoni izda l-intimat missu kien jaf ahjar. L-intimat, bhala l-adult fir-relazzjoni missu kien jaf li l-attrici kienet ghadha zghira wisq ghal din it-tip ta' relazzjoni u mbaghad ghal relazzjoni ma' ragel li jista' facilment ikun missierha. Ghalkemm

[8] Deciza nhar id-29 ta' Mejju 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

jirrizulta li l-intimita' ta' bejniethom qabel iz-zwieg kienet konsenswali, xorta jibqa' l-fatt li l-attrici kienet taht l-eta' u li kien hemm xi forma ta' dipendenza f'din ir-relazzjoni. Dipendenza ta' bejniethom bhala koppja (specjalment in vista tal-fatt li jirrizulta li missier l-attrici kellu l-problema tax-xorb u li ghalhekk l-attrici kienet tara lill-intimat bhala persuna li mieghu kienet protetta – u dan fi kliemha stess) u dipendenza ta' *alcohol* (li l-attrici tammetti wkoll li kellha qabel iz-zwieg). Jirrizulta li l-partijiet dahlu ghaz-zwieg b'mod mghaggel ghalkemm ma jaqblux fuq x'hiex kienet ir-raguni ghaliex verament izzewgu. L-attrici tghid li zzewgu ghaliex l-intimat kien ghadu kif qala' xebgha minghand huha u ratu jidhak u donnu ddecidew li jizzewgu malajr, filwaqt li l-intimat jghid li zzewgu ghaliex l-attrici riedet li titlaq mid-dar peress li l-genituri taghha kienu qed jisseparaw. Li hu zgur hu li l-partijiet iddecidew li jizzewgu ghal ragunijiet hziena b'dan li l-qorti hija tal-fehma li l-attrici kienet immatura wisq biex tidhol ghal dan il-pass. Kienet ilha ma' ragel ferm akbar minnha ghal numru ta' snin b'dan li l-istess attrici, fl-istess zmien kellha problema ta' *alcohol*. Ma jidher li kellha ebda forma ta' esperjenza ta' relazzjonijiet precedenti u dahlet f'relazzjoni ma' ragel li kien ferm akbar minnha, li missu kien jaf li kienet ghadha zghira wisq ghalih. Tenut kont tal-fatt li l-intimat kellu esperjenza tal-hajja, kien l-adult fir-relazzjoni u baqa' sejjer b'din ir-relazzjoni, l-qorti hija konvinta li l-attrici sabet ruhha f'sitwazzjoni fejn min-naha sabet il-protezzjoni ta' ragel akbar minnha u fl-istess hin ma rrealizzatx li dak li kien qieghed jigri kien abbuz – veru li kollox sar b'mod konsenswali pero' jibqa' l-fatt li l-attrici bdiet tohrog mal-intimat meta kellha biss tlettax (13) –il sena filwaqt li r-relazzjonijiet intimi bdew meta kellha madwar hmistax (15) jew sittax (16) –il sena. X'maturita' seta' kellha l-attrici f'dawn ic-cirkustanzi biex tidhol ghall-pass taz-zwieg? Kellu jkun l-intimat li juri l-maturita' billi fl-ewwel lok jirrealizza li l-mahbuba tieghu kienet fil-fatt tifla taħt l-eta' u fit-tieni lok li jirrealizza li l-attrici ma kellha ebda esperjenza tal-hajja biex tirrealizza jew taghmel ghazla infurmata dwar iz-zwieg.

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(f) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'eskluzjoni pozittiva ta' wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, il-qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins**

**Charles Vs Atkins Matilde**[9] fejn gie ritenut li “***rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu***”.

Il-qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta’ nullita’ taz-zwieg f’dan il-kuntest, irid jigi necessarjament pruvat li xi wiehed mill-partijiet ghamel  simulazzjoni totali jew parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. Mix-xiehda tal-partijiet m’hemm ebda prova konkreta dwar xi forma ta’ simulazzjoni li abbazi taghha l-qorti tista’ tkun inklinata li tilqa’ din it-talba abbazi ta’ dan l-artikolu. Issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **MM vs JM** deciza nhar id-9 ta’ Marzu 1994[10] fejn gie dikjarat li huwa l-mument tal-kunsens li jiddetermina jekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwiex legalment null u bla effett jew le. Mix-xiehda tal-partijiet jidher li m’hemmx provi biex jinghad li kien hemm xi simulazzjoni da parti ta’ xi wahda jew wiehed mill-partijiet. Fin-nuqqas ta’ tali prova, allura l-qorti ma tista’ taghmel xejn aktar hlief li tichad l-applikabbilita’ ta’ dan l-Artikolu.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara z-zwieg bejn il-partijiet null u bla effett abbazi tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255, bl-ispejjez kontra l-intimat.

## < Sentenza Finali >

[9] Deciza nhar it-2 ta’ Ottubru 2003 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili
[10] Deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell

---------------------------------TMIEM---------------------------------